**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Marzu, 2020.**

**Rikors nru: 80/2015 AGV**

**AB ( ID nru: 391876 M)**

**Vs**

**CB ( ID nru:377469M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 10 ta' April 2015, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-kontendenti B iżżewġu nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena 1993 u minn dan iż-żwieġ twieldu DB li għandu wieħed u għoxrin (21) sena, u l-minuri EB li għandha sittax (16)-il sena;

2. Illi ż-żwieġ ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minħabba vjolenza, swat, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;

3. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut;

4. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat tnax (12) ta' Frar tas-sena 2015 (Dok. CD 1);

5. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

Igħid għalhekk l-esponenti għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba vjolenza, swat, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi, kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E f'idejn l-esponenti u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti għaliha u għall-imsemmija minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jilħqu l-età ta' 23 sena, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tiegħu mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;

4. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-istess minuri  sakemm huma qegħdin jistudjaw;

5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti; tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' periti nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

6. Tawtorizza lill-esponenti sabiex flimkien mal-minuri tirrisjedi fid-dar matrimonjali li tinstab 301, Triq San Ġiljan, Birkirkara;

7. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew *in parte* d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

9. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum u ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

10. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż kollha u imgħax kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' CB datat 12 ta' Mejju 2015, fejn eccepixxa bir-rispett u kkonferma s-segwenti;

1.Illi l-eccipjenti jaqbel mal-kontenut tal-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat;

2. Illi l-ecceipjenti jaqbel ukoll illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser b' mod irrimedjabbli u li l-hajja konjugali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli, izda dan gara ghal ragunijiet li huma imputabbli biss lir-

rikorrenti, tant illi l-eccipjenti dejjem ghamel l-almu tieghu biex isalva l-istess zwieg u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi kif ser jirrizulta ukoll fil-mori ta' dawn il-proceduri, fil-fatt hija r-rikorrenti li bl-agir taghha iddekadiet mil-jeddijiet konjugali taghha naxxenti mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u mhux l-eccipjenti, u ghalhekk l-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili ghandhom semmai jigu applikati fil-konfront tar-rikorrenti u mhux tieghu;

4. Illi barra minn hekk, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma tistax tippretendi lill-eccipjenti jhallas manteniment lilha ghaliha personalment, jew li jhallas l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri wahdu. Huwa veru illi l-eccipjenti jahdem, u dan minkejja d-diffkultajiet li bhalissa ghaddejj minnhom, pero' ma jippercepixxix bizzejjed flus biex imantni ukoll lil rikorrenti, jew biex jerfa' l-ispejjez kollha tas-sahha u edukazzjoni tat-tfal wahda u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, Ir-rikorrenti, hija mara ta' tmienja u tletin (38) sena u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex hija ma tistax tahdem u tmantni lilha nnifisha u terfa' nofs il-piz tal-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tat-tfal;

5. Illi t-talba sabiex il-kura u kustodja tal-minuri E, tigi fdata unikament f' idejn ir-rikorrenti ghandha ukoll tigi respinta, fir-rigward tal-kustodja taghha ghaliex l-eccipjenti ghandu relazzjoni tajba hafna maghha u ghalhekk il-kustodja taghha, ghandha tigi fdata f' idejn iz-zewg konjugi, dana ukoll billi E hija llum tfajla ta' 16-il sena u kull decizjoni li tittiehed fil-konfront taghha, in kwantu jikkoncerna l-genituri taghha u ma' min minnhom tirrisjedi u meta u ghalkemm zmien tkun maghhom jew tmur

tarahom, ma ghandu qatt ikun skont dak li jippretendi wiehed mil-genituri wahdu izda jiddependi ukoll, u principalment fuqha;

6. Illi inoltre' t-talba tar-rikorrenti sabiex tghix fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-eccipjenti, ghanda ukoll tigi michuda specjalment meta r-rikorrenti ddeciediet u hadet din id-decizjoni wehidha, illi tallontana ruhha mill-istess. Barra minn hekk, din hija l-unika propjeta' li tappartjeni lill-konjugi u allura semmai din ghandha tinbiegh wara s-sentenza finali u fil-frattemp, tibqa' fid-dar konjugali li fiha l-kontendenti t-tnejn ikollhom dritt li jirrisjedu;

7. Illi l-eccipjenti ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta, bhal ma ghandu l-ebda oggezzjoni, illi l-assi parafernali tieghu jigu assjenati lilu hekk skont il-Ligi;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza tal-11 ta' Ottubru, 2018 fejn gie ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.[1]

## FATTI

1. L-attrici ltaqghet mal-konvenut meta kellha 14-il sena u hu kellu 22 sena. Izzewwgu fis-27 ta' Frar, 1993. Fl-gherusija kienet bdiet tinduna li kien giddieb u li seta' kien possessiv u vjolenti. Kienet ukoll rat din l-aggressivita' f'missieru fir-relazzjoni m'ommu. Tghid li l-konvenut ma

[1] Ara fol. 379 tal-process.

kellux relazzjoni tajba ma' missieru u darba minnhom kien irrappurtah mal-pulizija li missieru kien qed ibabas fid-dawl.

Tispjega li fit-18 ta' Novembru, 1992 harget tqila bit-tifel D u f'Jannar, 1993 kienet waqqfghet tahdem. Kienu marru jghixu mal-familja tal-konvenut. F'Awissu, 1993 twieled it-tifel u kienet tkun hafna hin id-dar, filwaqt li l-konvenut kien xtara senter u kien ighaddi hafna mill-hin tieghu l-kacca minn wara li zzewwgu. Fl-1993, tispjega li l-konvenut kien beda jahdem l-Airmalta u kien dejjem jafdaha bil-paga u kienet tiehu hsieb il-pagamenti u tixtri l-bzonnijiet li  kien hemm bzonn. Fl-1994 kienu akkwistaw fond minghand il-Housing Authority b'cens ta' Lm50 kull sitt xhur.[2] Kienu gabu l-post gebel u saqaf peress li ghand min kienet qabel kien gab il-post f'qaghda prekarja. Tghid li dejjem kienet tiehu hsieb tfaddal biex tirranga d-dar.

Tghid li l-ewwel darba li marret Dar Merhba Bik kien fl-1995, wara li kellhom xi jghidu u ghamel ghaliha bil-jak, tant li weggahhha u kellha d-demm.  Kienet damet gurnata hemm ghax kienet telqet minghajr it-tifel u ma setghetx toqghod minghajru.

Wara xi sena l-post taghhom ma kienx lest, izda omm il-konvenut riedet tirranga l-kcina u talbithom jitilqu. Spiccaw marru jghixu go post li kienet tikri oht il-konvenut u kienu jaqsmu l-kera li kienet tammonta ghal Lm70 fix-xahar.

Fit-23 ta' Gunju, 1998 kienet inqabdet tqila b'E u kienet tibza' peress li minkejja kienet taf li missier il-konvenut kien johrog ma' nannitha, ma kinitx taf li kellhom it-tfal u ghalhekk l-inkwiet taghha kien li jkollhom tarbija bi bzonnijiet specjali. Saret taf minghand zit il-konvenut li ommha

[2] Ara kuntratt Dok. K. a fol.304 tal-process.

u hutha kienu hut il-konvenut peress li qabel missieru kien izzewweg lil ommu, kellu relazzjoni ma' nannitha.

Kien hawn li ddecidew li jmorru joqoghdu fid-dar taghhom u cioe' 301, Triq San Giljan, B'Kara kif kienet. Irnexxielhom jiddubaw kamra tas-sodda u kcina.

L-attrici ssemmi incident li sehh fid-29 ta' Gunju, 1999 meta l-konvenut kien spara fuq certu f, peress li dan kellu xi jghid mal-kugin tal-konvenut GH. Spicca li kellhom jintervjenu l-pulizija u kien ghamel xi tlett gimghat il-habs u hadulu s-snieter kollha.

L-attrici ssemmi diversi episodji fejn il-konvenut xorta baqa' aggressiv u vjolenti maghha kif ukoll mat-tfal, in partikolari mat-tifel. Fiz-zmien il-Grizma, kien iggieled maghha, tant li kellha tmur toqghod ma' zitu. It-tifel kien telaq mid-dar ghal xi zmien, wara li kellhom xi jghidu. Kien possessiv maghha u kien qataghha mis-socjeta' u anke minn mal-familja taghha.

Tispjega li l-konvenut kien kissirha mentalment. Ghall-habta ta' Novembru, 2012 il-konvenut beda ma jorqodx bil-lejl u meta tkellmet mat-tabib, kien qallha li kien ahjar jaghmel appuntament l-isptar, izda baqa' qatt ma mar. Kien beda jiffissa li qed ikellmu x-xitan go widnejh u li kien ighidlu dwar x'kienet taghmel martu meta kienet izghar. Kien beda jiffissa li l-irgiel qed iharsu lejha u kien beda juri ghira esagerata. Iffissa ukoll f'ritratt ta' meta kienet ma' shabha tal-iskola u kien konvint li ma kinitx Ghawdex, imma "Sex Bay," ghall-bajja tal-gharwenin. F'dan il-perjodu ukoll kien beda jimla' d-dar bi slaleb, slaleb imnaqqxin bis-sikkina mal-hajt, fuq l-ghamara u fuq il-mejda kien hemm salib kbir imnaqqax u anke

"question marks," biex ifakkarha jekk isir jaf li kienet marret f'dina l-bajja meta kienet zghira kien se jpattihiela.[3]

Fis-6 ta' April, 2013, kienu regghu ggieldu l-konvenut u t-tifel, li kien telaq mid-dar. Dakinhar kienet marret taghmel rapport u kienet marret Dar Merhba Bik u ghamlet ftit granet. Minn April sa Settembru, 2013, il-konvenut baqa' l-istess possessiv u ossessjonat. Kien iridha toqghod bilqiedgha mat-tarag u jghidilha dwar ir-ritratti u li kien hemm irgiel ohra f'hajjitha.

Peress li l-konvenut kien iffissa fuq ix-xitan, ohtu kienet haditu ghand Patri I. Kien qed jiehu xi pilloli li kien ippreskrivilu l-Psikjatra Dr.Debono, izda gieli hadhom u gieli le, bir-rizultat li kien isir aggressiv. Tghid ukoll li l-Psikjatra Anton Grech kien ziedlu d-doza tal-pilloli.

Minhabba dina l-qaghda tieghu kienu jaghmlu xi 48 siegha mqajjmin, ma tnaddafx u lanqas jieklu peress li l-konvenut kien iridha bilqiedgha fuq siggu u toqghod tisimghu. Fi zmien sitt xhur kienet spiccat dahlet Dar Merhba Bik u l-Ghabex tmien darbiet. Kienet tiehu t-tifla minuri maghha, filwaqt li kienet thalli lit-tifel mal-konvenut.

Fis-sitt xhur li damet Dar Merhba Bik fl-2013, kemm il-darba l-konvenut ipprova jikkommetti suwicidju. Marret ukoll meta kien hemm okkazzjoni ohra meta kienet marret tilghab it-tombla ma' ommha u mbaghad xtaqu jmorru jiehdu gelat. Il-konvenut oppona u kellha tmur id-dar u zamma fuq it-telefon sat-3.00 am biex jizgura li kienet id-dar, izda meta ghajjiet nizlet taghmel te' u dahal biex jibda jtiha bis-sikkina u kien irnexxielu jwaqqfu t-tifel. L-istess marret Dar Merhba Bik meta l-konvenut kien ipprova jqabbad id-dar matrimonjali.

---

[33] Ara dok. L a fol. 307-308 tal-process.

F'Mejju, 2013, kienet marret Dar Merhba Bik ghal darb'ohra. Kienet qaltilhom li kellha problemi biex torqod u kienet talbithom sabiex igibulha tabib. Kien qallha li kellha depression u li kien ahjar tmur l-isptar u hi u sejra kienu gew il-pulizija, ghax il-konvenut kien qalilhom li kellha l-haxixa fuqha, meta ma kienx minnu. L-attrici tkompli ssemmi diversi episodji fejn juri li l-konvenut ma kienx mentalment f'postu u kien vjolenti u aggressiv u li kien hemm diversi drabi li kellha terga' tidhol Dar Merhba Bik. Kienet anke ghamlet tatto bil-kliem "I will fight for my freedom," biex kull darba li tkun ser tahfirlu thares lejha u ma taqax ghalih.

Kien hemm episodju iehor fejn spiccat gewwa xelter l-Ghabex minhabba li kien jixrob u beda jheddidha u kellhom jintervjenu l-pulizija u ndunaw li l-konvenut ma kienx jiflah. Kien ukoll kissrilha l-mobile sabiex ma tkunx tista' ccempel ix-xelters. Fit-23 ta' Settembru, 2013, wara li l-konvenut kien xorob mar quddiem ix-xelter u kissrilhom l-kameras. Tispjega li kulhadd kien  imbezza' u cemplu lill-pulizija li mbaghad kienu arrestawh. Inghata l-liberta' provizjorja u tkecca mid-dar. Kienet tmur izuru ghand ommu u kienet issajrilhom. Fis-27 ta' Settembru, 2013 kienet marret lura d-dar. Tghid li l-glied bejniethom baqa' ghaddej, minkejja li ma kinux joqoghodu flimkien u xorta kien imur wara l-bieb tad-dar taghhom, minkejja li ma setax jidhol ghax ma kellux cavetta.

Darba minnhom talabha biex jiehu xi affarijiet mid-dar u kien dahal u taha daqqiet ta' ponn f'wiccha. It-tifel taghhom D kien mar ghall-konvenut peress li wiccha kien blu u mimli demm, izda ma riditux jaghmel rapport. Kien induna b'kollox ukoll missierha. Tul dan il-perjodu kienet waqqfghet taghmel rapporti mal-pulizija, izda kienet tmur titlbohom issibulha xelter u jekk ma kienx hemm post, gieli kienet torqod l-ghassa.

Kien hemm incident iehor fit-18 ta' Jannar, 2014 fejn il-konvenut kien ser iwaddbilha platt u biex tevita, spiccat kisret saqajha u spiccat toqghod ghand ommha. F'dan il-perjodu, it-tifel taghhom kien qallha li qed jistenna tarbija u fl-istess waqt missierha kien qed imut bil-kancer. Tghid li l-konvenut ma kienx ihalliha tmur tara lil missierha l-isptar ghax kien ikun iridha tmur tghallef il-hamiem.

Wara li miet missierha kienet sabet il-kuragg biex tiftah kawza l-Qorti u wara li ma rnexxewx il-proceduri ta' medjazzjoni kienet fethet il-kawza f'April, 2015 ghax ma felhitx il-possessivita', l-ossessjoni u l-vjolenza tal-konvenut aktar. Tispjega li sadanittant ma kinitx baqqghet toqghod id-dar u xorta l-konvenut kien beda jheddidha li kien ser imur ghaliha. Kien ukoll mar iheddidha quddiem id-dar t'ommha u kien kissrilha l-grada, tant li kellhom jintervjenu l-pulizija u tghid li ghandu kawza pendenti quddiem il-Magistrata Dr. Claire Zammit Stafrace. Kienet irrappurtatu u kien ghalhekk li l-pulizija din id-darba mexxew quddiem il-Qorti u fl-1 ta' Dicembru, 2016 instab hati.

**KURA U KUSTODJA**

Illi fil-mori tal-kawza, it-tfal D u E saru maggorenni u ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandhiex tikkunsidra aktar din it-talba.

**MANTENIMENT**

Sakemm l-attrici pprezentat l-affidavit taghha fl-2016, it-tifla E kienet ghandha qed tistudja. Illum tghix mal-konvenut, pero' ugwalment tmur taraha u tghaddilha l-flus bhala *spending money*. Fil-fatt tghid li tghaddilha s-somma ta' €150 fix-xahar.

L-attrici tikkonfermat li dak iz-zmien kienet sabet impjieg il-Methode u kellha paga ta' €385 kull gimaghtejn, li minnhom kellha thallas €400 kera

fix-xahar, kif ukoll l-ispejjes tas-servizzi u utilitajiet. Tghid li ghalkemm tahdem tbati b'daraha u kellha taghmel operazzjoni u tircievi paga minima, qed tippretendi li jkun hemm hlas ta' manteniment minghand il-konvenut.

**DAR MATRIMONJALI**

L-attrici tikkonferma li d-dar hija proprjeta' tal-Gvern u jhallsu €175 kull sitt xhur bhala cens perpetwu. Il-kuntratt huwa f'isem it-tnejn, pero' minkejja li l-ktieb tal-kera huwa fuq il-konvenut, tispjega li dejjem hallset il-kera hi. Minn meta telqet mid-dar matrimonjali ma baqqghetx thallas u tghid li hemm xi €200 arretrati.

Bhala ghamara tghid li hemm biss kamra tas-sodda u salott u wall unit.

L-attrici pprezentat rapport tal-Perit Edgar Caruana Montalto fejn iddikjara l-valur tad-dar matrimonjali fl-ammont ta' €130,000.[4]

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

L-attrici tispjega li kulma kellhom kienu kont joint u kont f'isimha fejn kienet tidhlilha l-paga. Il-kont joint li kellhom mal-Bank of Valletta plc. kellu fih €7,000 u kienu qassmuh bejniethom.

Kien hemm ukoll xi €3,000 dejn fuq il-gallinar, izda kien zammu hu ghand ommu u ghadu hemm sal-lum.

**KAROZZI**

Il-konvenut kien xtara Opel Astra fiz-zwieg ghall-prezz ta' €2,000 fl-2012. L-attrici tghid li l-Iskoda Felicia, li kienet tintuza mit-tifel kienet giet skrappjata.

---

[4] Ara rapport a fol. 337 tal-process.

**ASSI PARAFERNALI**

Bhala assi parafernali, l-attrici tghid li ma kellhom xejn.

2. Il-konvenut ighid li l-problemi bejnu u bejn martu l-attrici bdew ghall-habta tas-sena 2012. Ighid li kienu jiggieldu fuq affarijiet normali bhal kull koppja, izda l-attrici kienet tibda tghajjru u tghidlu li kellha bzonn ragel iehor ghax kienet imdejjqa minnu anke minhabba r-relazzjonijiet intimi bejniethom. Jichad li qatt refa' idejh fuq martu. Izda ighid li l-attrici kull darba li kien ikollhom xi ighidu kienet tmur ghand il-pulizija biex tirrapportah u tmur gewwa Dar Merhba Bik.

   Dwar flus ighid li qatt ma halla lill-familja tieghu nieqsa u dejjem hadem full-time. L-attrici qatt ma hadmet, izda kellhom kont bankarju komuni u kienet dejjem l-attrici li kienet tigbed il-flus mill-kont bankarju biex tghijjex il-familja.

   Il-konvenut ighid li l-attrici dejjem refghet ir-responsabbilitajiet bhala mara tal-familja, izda minhabba paroli zejda spiccat gidbet fuqu biex tehles minnu u dan kien konvint minnu peress li spicca gie mkecci mid-dar matrimonjali u l-attrici, minflok marret tghix lura d-dar marret toqghod go post iehor. Jispjega li l-attrici kienet kecciet lil bintha, li llum tghix ma' missierha, filwaqt binhom D joqghod m'ommu.

   Il-konvenut jinsisti li dejjem hallas il-manteniment u kien ghaddielha €400 fix-xahar.

3. ED, bint il-partijiet, tghid li l-inkwiet bejn il-genituri taghha beda meta kellha xi 12-il sena. Tispjega li ommha kienet it-tip li kienet tiehu gost tinki lill-konvenut b'mod li kien ihossu insikur u jghir minhabba l-problemi psikologici tieghu. Tghid li minhabba li kien hemm l-inkwiet bejn il-genituri kienet ghamlet zmien tghix man-nanna paterna.

Meta kellha 15-il sena, missierha gie mkecci mid-dar matrimonjali. Madanakollu, tghid li minn dejjem kellha relazzjoni tajba ma' missierha, minkejja li kellu bzonnijiet psikologici. Dejjem hallas manteniment ghalihom fis-somma ta' €200 kull erba' gimghat u kien jaghtiha ukoll *pocket money* peress li kienet studenta l-MCast. Dwar l-attrici, tghid li ghalkemm kienet tahdem bhala full-time carer, qatt ma kkontribwiet ghat-trobbija taghhom.

Tikkonferma li tghix mal-gharus taghha u li l-attrici tghix wahedha, flimkien ma' huha u gieli flimkien mal-gharus taghha.

4. Spettur Maurice Curmi pprezenta tlett rapporti, tnejn minnhom li saru mill-attrici fil-konfront ta' zewgha l-konvenut minhabba insulti u theddid. Sar rapport iehor minn ED fejn allegat li soffriet vjolenza domestika minn naha ta' missierha l-konvenut. Dwar ir-rapport li sar mill-attrici fit-23 ta' Lulju, 2015 iz-zewg partijiet kienu mwissija sabiex izommu l-buon ordni, filwaqt fir-rapport tal-5 ta' Lulju, 2015, ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' CB u ttiehdu ukoll passi fil-konfront tieghu fuq ir-rapport tat-13 ta' Frar, 2015, pero' ma setax jikkonferma jekk dawn il-proceduri kienux gew konkluzi.[5]

5. WPC Marlene Vella pprezentat diversi rapporti li saru mill-attrici fil-konfront ta' zewgha.[6]

6. Il-psikjatra Joseph Spiteri jikkonferma li kien rah lill-konvenut l-ewwel darba fit-13 ta' Frar, 2015 gewwa l-Imtarfa Health Centre, fejn innota li l-

---

[5] Ara Doks. MC1 – MC3 a fols. 67-77 tal-process.
[66] Ara Doks. CD 1 – CD 14 a fol. 78-122 tal-process.

konvenut kien qed ibati minn depressjoni. Kien rah fil-25 ta' Frar, 2015, imbaghad kien hemm xi darbtejn meta kienu rawh l-assistenti tieghu. L-ahhar li rawh l-assistenti tieghu kien fis-17 ta' Mejju, 2016. Ighid ukoll pero' li mis-16 ta' Gunju, 2015 sal-lum, il-konvenut qatt m'attenda ghal kull appuntament li kellu. Ikkonferma li kellu appuntament fid-19 ta' April, 2016. Meta rah fil-25 ta' Frar, 2015, kien ippreskrivilu xi medicini peress li kellu xi hsibijiet u obsessions, pero' dawn kienu minhabba sintomi li tkellem fuqhom, mhux minhabba xi dijanjozi. Ighid ukoll li dejjem kien igib ruhu tajjeb. Fid-29 ta' Dicembru, 2015 kien rah l-assistent tieghu Dr. Hector Cutajar u dan kien naqqaslu d-doza ta' Paxetin li kien qed jiehu, l-aktar mhux ghax kien hemm xi problemi biha, izda minhabba li seta' jkollha side effects bhall-problemi sesswali. Dakinhar l-assistent tieghu irrikonoxxa sintomi ta' *morbid jealousy*, li hija parti mill-ossessjonijiet tieghu u d-depressjoni. Jispjega li *morbid jealousy* hija tahlita ta' fittazzjoni zejda fuq xi haga, fuq hsieb li jista' jkun vera jew jista' jkun deluz, jigifieri falz ghall-ahhar, illi wiehed idahhal f'rasu certu hsibijiet fuq il-partner tieghu u jaghmel certi atti biex jiccekkja l-hin kollu x'inhu jaghmel il-partner. Hija deskritta bhala *delusional disorder*. Pero' jippreciza meta jipprovaw jikkurawh, jikkurawh fuq dak li talabhom u cioe' l-ossessjonijiet u l-hsibijiet.

Ma jirrizultax li attenda aktar, pero' x-xhud m'eskludix li seta' kien qed imur ghand haddiehor privatament. Pero' l-ahhar li rawh kien sejjer tajjeb u ma kienx *depressed* jew suwicidali.

Dwar il-*morbid jealousy* meta wiehed ghandu dawn is-sintomi generalment ma jitkellimx fuqha. L-uniku trattament ghal min ibati minn *morbid jealousy* huwa ta' *geographical separation*, ghaliex min ibati minnha jahseb li m'ghandu xejn u ma jehdux medicina bir-rizultat li s-

sitwazzjoni tiggrava u fl-ahhar il-partner jiddejjaq. Ighid ukoll li meta l-*morbid jealousy* tkun deluzjonali trid tikkura ruhha bil-medicina.

Dr. Spiteri jispjega li bhala community psychiatry ikunu interessati biex jaraw jekk il-klijent hux kapaci jiffunzjona, mhumiex interessati minn xiex ibati mentalment. Kien jirrizultalhom li l-konvenut kien qed jiffunzjona ghax kieku kien ikollhom appuntamenti aktar spissi.

Dwar il-fatt li l-*morbid jealousy* setghet kienet ir-rizultat tal-fatt li l-attrici kienet qaltlu li mhux soddisfatta sesswalment, ix-xhud ighid li jista' jkun li l-konvenut mar ghall-ghajnuna biex jaghmluh ahjar, izda jista' jaghti l-kaz ukoll li jkun hemm hjiel ta' dina l-problema li tizvillupa f'storja shiha li jwasslu ghall-problemi ohra, li jsir depress, aggressiv, li jibda jixrob u kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-persuna. Ghalhekk *morbid jealousy* hija kundizzjoni deluzjonali li hija kklasifikata ma' skizofrenija jew inkella *manic depressive psychosis*. Tista' tkun ukoll rizultat ta' problemi relatati mal-alkohol.

7. Sharlet Tabone Fabri, hija probation officer tal-konvenut minn mindu kienet inghatat sentenza fit-2 ta' Gunju, 2014 fejn instab hati mill-Magistrat Clare Stafrace Zammit. F'din is-sentenza, tispjega li l-konvenut kien inghata ordni ta' probation ghal sentejn u tul dan il-perjodu kellu jkompli jiehu kura necessarja ghand Dr. Anton Grech. Tispjega li ghall-bidu kien qed imur ghand Dr. Grech, izda kien hemm mument meta l-medicina bdiet thawwdu u biddel il-psikjatra. Tghid li generalment kienet toqghod fuq kelmet il-konvenut li kien qed jattendi l-vizti mal-psikjatra.

Tistqarr li Dr.Anton Grech kien ghamel djanjozi tieghu u rrizultalu li kien ibati minn "morbid jealousy." Peress li jkun hemm zmien meta l-konvenut ikun hazin hafna peress li jkun depressed hafna u jibki l-hin kollu, ma jkunx

fi stat li jmur ix-xoghol u ghalhekk tispicca li tmur tarah fuq home visit, meta generalment il-klijenti jaghmlu appuntament maghha u jmorru huma.

Ix-xhud tispjega li ma setax tikkonferma jekk il-konvenut kienx qed isegwi l-kura preskritta lilu. Dwar is-sezzjonijiet li rrizulta li kien hemm ma' Dr. Joseph Spiteri u li ghalihom m'attendix il-konvenut, tghid li ma kinitx taf bihom. Meta tkun taf li m'attendiex ghand il-psikjatra d-dmir taghha huwa li tikkonducih biex imur u ssostni ukoll li hu huwa persuna depressed hafna u ghalhekk jinsa' hafna.

8. Joseph Chircop in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali xehed dwar il-beneficcji socjali li kienet tircievi l-attrici bejn Ottubru, 2013 u Settembru, 2015. Kienet irceviet ukoll il-bonuses tul dan il-perjodu kif ukoll ghajnuna supplimentari minn Settembru, 2015 sa Jannar 2017.[7] Imbaghad kienet qalbet ghas-social assistance u ghalhekk is-supplementary allowance jieqaf.

Kien tircievi c-childrens allowance ghas-sena 2014 u 2015, izda mbaghad ma rcevitx izjed peress li t-tifla ghalqet 16-il sena.[8] Tircievi €29.10 mid-Dipartiment. Jispjega li sabiex tikkwalifika ghas-social assistance trid tkun beneficcarju ghal dak iz-zmien, trid tkun ghall-inqas sentejn beneficcarju mill-ahhar tlieta u dan ghax kienet bdiet tahdem. Ir-rata hija ta' 65% fl-ewwel sena mill-beneficcju dovut, 45% ghat-tieni sena u 25% ghat-tielet sena.. Wara t-tielet sena imbaghad jieqfu l-beneficcji.

[7] Ara Dok. JC 1
[8] Ara Dok. JC 2

9. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ghamlet ricerka dwar kontijiet bankarji f'isem il-partijiet u rrizulta li kien hemm is-segwenti kontijiet f'isem l-attrici:-

i) kont savings bin-numru 016088031050 u l-kont kien ghadu attiv[9];

ii) savings account numru 0160880341052[10];

iii) savings account numru 075162966050[11];

iv) savings account numru 016088031052 li nghalaq fit-23 ta' Dicembru, 2014[12];

v) current account bin-numru 016088031001 li nghalaq fid-19 ta' Jannar, 2015[13]. Marbut ma' dan il-kont esebit ukoll il-kont 016088031001[14];

vi) savings account bin-numru 0160880310851[15]

F'isem il-konvenut irrizultaw is-segwenti kontijiet:-

i) savings account bin-numru 016088023050[16];

ii) savings account numru 075162974050[17];

Dwar kontijiet bankarji rrizultaw is-segwenti:-

i) savings account bin-numru 016088015050 li kellu numru antik 164265870[18];

---

9 Ara Dok.AG 1
10 Ara DOK. AG 2
11 Ara Dok. AG 3
12 Ara Dok. AG 4
13 Ara Dok. AG 5.
14 Ara Dok. AG 12.
15 Ara Dok. AG 6 .
16 Ara Dok. AG 7.
17 Ara Dok. AG 8.
18 Ara Dok.AG 9 .

ii) loan account numru 016088015301[19];

iii) loan account numru 016088015300 li nghalaq fis-7 ta' Frar, 2013.[20]

10. Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Employment u Training Corporation esebixxa l-employment history tal-konvenut[21] u tal-attrici[22] minn fejn jirrizulta li l-attrici qed tahdem bhala process assistant mal-Methode Electronics Malta Ltd., filwaqt li l-konvenut jahdem mal-Airmalta plc. bhala airport handler.

11. Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed li rrizulta li f'isem l-attrici m'hemm l-ebda vetturi rregistrati[23] u lanqas qatt ma kellha vetturi rregistrati fuq isimha[24].

F'isem il-konvenut rrizulta li hemm vettura wahda registrata[25], izda kien hemm vetturi ohra rregistrati[26] fejn hemm indikat bil-biro meta dawn il-vetturi kienu gew ittrasferiti ghal fuq isem il-konvenut sa meta gew trasferiti ghal fuq terzi.

12. Lawrence Bugeja in rapprezentanza ta' Mater Dei Hospital ipprezenta l-file tal-attrici.[27]

---

[19] Ara Dol. AG 10.
[20] Ara Dok. AG 11.
[21] Ara Dok.JS 1.
[22] Ara Dok. JS 2
[23] Ara Dok. SC1
[24] Ara Dok. SC2
[25] Ara Dok. SC3
[26] Ara Dok. SC 4
[27] Ara Dok. LB

13. Il-Psikjatra Anton Grech kien jara lill-konvenut li kien ikun akkumpanjat mill-attrici. Kien rah l-ewwel darba fid-29 ta' Lulju, 2013 u kien rah l-ahhar fl-10 ta' Settembru, 2014. Kien rah b'kollox xi sitt darbiet u kien ibati minn ossessjonijiet li kienu jwassluh ghal hafna ansjetajiet. Fil-fatt kienm ibati minn *obsessive compulsive disorder*. Il-kura kienet principalment medicini u kien jirrispondi tajjeb ghall-kura. Wara Settembru, 2014 ma kienx jaf x'gara izjed. Ighid li l-ossessjoni kienet fuqu nnifsu u parti minnu kien ta' natura sesswali, li kien igiblu hafna tensjoni u nervi.

Il-konvenut kien mar ghandu wara li l-attrici kienet marret go xelter u rritornat mieghu bil-kundizzjoni li jfittex il-kura. Bil-kura kien ikun aktar kalm u jekk kien iwaqqafha kien jerga' jkollu *relapse* tal-ossessjonijiet peress li kienet wahda severa hafna. Kien ikun aggressiv ukoll meta ma jiehux il-kura.

14. Marisa Russo, social worker mal-Agenzija Appogg fid-Domestic Violence Unit ltaqghet mal-attrici fit-3 ta' Mejju, 2013 wara li giet riferuta minn Dar Merhba Bik. Mill-kaz li kienet issegwi rrizulta li l-attrici kienet ghaddiet minn hafna abbuz fiziku u kienet qiedgha f'riskju. Kien hemm ukoll abbuz emozzjonali. [28]

15. Bernardina Briffa in rapprezentanza ta' Dar Merbha Bik esebit ir-ragunijiet ghalfejn l-attrici dahlet u telqet mill-konvenut.[29]

---

[28] Ara dok. MR
[29] Ara Dok. BB

16. Mario Magro, in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar ighid li mir-ricerki li ghamel ma rrizultax li l-fond 301, Triq San Giljan, B'Kara hija tal-Awtorita' tad-Djar.

17. Dr. Elizabeth Quintano, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Kriminali esebit sentenzi tal-Qorti kontra l-konvenut. Hemm sentenza tal-Magistrat Claire Stafrace Zammit datata 2 ta' Gunju, 2014[30] u mill-Magistrat Charmaine Galea datata 1 ta' Dicembru, 2016. Fuq dan hemm appelli pendenti.[31]

18. Reuben Bonnici, in rapprezentanza ta' Arms Ltd. li xehed dwar kontijiet pendenti fuq il-fond 301, Triq San Giljan, B'kara. Ighid li hemm ammont dovut ta' €215.79 fuq il-kont.[32] Esebixxa ukoll prospett tad-diversi kontijiet li nhargu[33] u l-pagamenti li jkunu saru u l-ahhar pagament li sar kien fit-23 ta' Dicembru, 2014 u kien fl-ammont ta' €93.43.[34]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

L-attrici wasslet biex fethet il-proceduri ta' separazzjoni, peress li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza, swat, eċċessi, minaċċi, sevizzi, theddid u offiżi gravi.

Il-konvenut jinnega li qatt refa' idejh fuq martu jew li kien jittrattaha hazin, anzi jinsisti li hi kienet theddu u kellha hafna paroli zejda li kienu jwasslhom biex jitlewmu kontinwament.

---

[30]Ara Dok. QT1
[31] Ara Dok. QT 2.
[32] Ara Dok. RB 1.
[33] Ara dok. RB 2.
[34] Ara Dok. RB3.

Bint l-attrici ma tinnegax li missierha l-konvenut kien dejjem jittrattahom tajjeb, izda tametti li kellu problemi psikologici u l-attrici kienet tinkieh u tinstigah meta kienet taf li kien ighir u kien possessiv. Biex jirribatti dan, hemm rapport li sar minn bint il-partijiet mal-pulizija fuq vjolenza da parti tal-konvenut.

Oltre li ressaq lil binthom, il-konvenut ma pproduca l-ebda prova ohra biex jirribadixxi dak li ssostni l-attrici.

L-attrici pproduciet diversi psikjatri li xehdu fuq l-istat mentali tal-konvenut. Dr.Joseph Spiteri xehed li l-konvenut kien ibati minn "morbid jealousy" li hija tip ta' B'din it-tip ta' *delusional disorder* . B'din l-ordni l-konvenut qatt mhu se jkun konxju li jbati minn din it-tip ta' ghira, ghaliex ghal nies b'din il-*disorder* qisu m'ghandhomx problemi, meta effettivament il-problemi jkunu hemm b'sintomi ta' ossessjonijiet u hsibijiet fittizji maghmulin biss mill-istat mentali taghhom. L-istess sintomi rrizultaw lil Dr. Anton Grech, psikjatra iehor li addirittura kkonkluda li l-konvenut ghandu *obsessive compulsive disorder*, li tista' tigi kkurata bil-medicini. L-istess psikjatra jispjega li diment li l-konvenut isegwi l-kura medika ikun stabbli, pero' jekk le jsir aggressiv. L-istess Dr.Spiteri kkonferma li l-effett ta' din id-dizordni li biha jbati l-konvenut, jista' jwassal sabiex ikun vjolenti, aggressiv u jista' anke jibda jixrob.

L-attrici xehdet fuq diversi incidenti fejn il-konvenut kien aggressiv u kienet mheddha minnu. Mill-provi jirrizulta li ghalkemm il-konvenut kien jiehu l-kura medika mhux dejjem qablu mieghu l-pilloli u kien isir aggressiv. Kien jirnexxilu jahdem ukoll, pero' gie ppruvat li kemm il-darba kien ikun *depressed* hafna, tant li ma setax jattendi ghax-xoghol. Dan huwa kkonfermat kemm minn Dr.Anton Grech, kif ukoll minn Sharlet Tabone Fabri, probation officer tal-konvenut, li spjegat li gieli tant kien ikun

*depressed* li kien jinsa hafna u ghalhekk kien hemm perjodi fejn ma kienx jattendi ghall-vizti tal-psikjatri, li kienu essenzjali ghalih. Fil-fatt kemm Dr. Spiteri, kif ukoll Dr. Anton Grech ikkonfermaw li wara l-2014 ma kienx hemm aktar kuntatt mal-konvenut.

L-attrici ppruvat diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati minhabba proceduri li ttiehdu kontra l-konvenut minhabba l-vjolenza, tant li gie mkecci mid-dar matrimonjali, kif ukoll hargitlu protection order minn dina l-Qorti. Kien hemm okkazzjoni wahda, fejn addiritura kissret saqajha peress li kien se jwaddbilha platt ghar-rasha u kienet waqqghet it-tarag biex tevitah.

Il-konvenut kien konxju li kellu hafna ossessjonjiet u hsibijiet, fejn kien jiffissa li l-attrici kellha rgiel ohra f'hajjitha u dan seta' gie pprecipat minhabba li l-attrici kienet tikkritikah li ma kienx jissoddisfaha fir-relazzjonijiet intimi. Kien iffissa per ezempju li kienet marret "Sex Bay" peress li kien rah ritratt meta kienet zaghzugha u kien iffissa li ried dan ir-ritratt. L-attrici pproduciet diversi ritratti sabiex turi l-mod kif kien iheddiha l-konvenut, billi kien inaqqax is-slaleb fl-ghamara. Meta tkecca mid-dar matrimonjali, kien imur wara l-antiporta u joqghod jistahba ghax ma setax jidhol.

Dawn il-provi jaghtu stampa cara tal-hajja li kienet tghix l-attrici. Dr.Grech u anke Dr.Spiteri ghamluha cara li huwa difficli ghall-persuna biex tghix ma' persuna ohra li jkollu dawn il-problemi psikologici. Effettivament parti mill-problema hija barra mill-kontroll tal-konvenut jekk ma jikkontrollax ruhu bil-medicini. Hekk biss jidher li jista' jkampa fil-hajja ta' kuljum. Dan mhux dejjem kien jaghmlu u ghalhekk hija kredibbli l-attrici meta ssemmi diversi episodji ta' theddid, ta' vjolenza, ta'

ossessjonijiet fil-konfront taghha, tal-konvenut u kien hemm episodju meta kien ukoll xurban.

***19.*** Din it-tip ta' hajja, fejn l-attrici kienet kontinwament fuq ix-xwiek, bil-biza' kif se jqum u jirreagixxi l-konvenut, il-kenn li kienet tipprova ssib f'Dar Merhba Bik, hija hajja li effettivament ghajjiet lill-attrici, li ppruvat kemm il-darba ssalva z-zwieg. Marisa Russo, social worker mal-Agenzija Appogg fid-Domestic Violence Unit ltaqghet mal-attrici fit-3 ta' Mejju, 2013 u rrizultalha li l-attrici kienet ghaddiet minn hafna abbuz fiziku u kienet qiedgha f'riskju. Kien hemm ukoll abbuz emozzjonali.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto***

***di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898].”***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta’ Gunju, 1967 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu “***f’sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l’abitazione e la vita comune.”***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b’success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m’hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b’mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza’ mpossibbli da parti ta’ xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Gunju, 1961** gie enunciat illi : “***Certi fatti, kliem u modi ta’ azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi.”*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li “***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta’ dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz.”***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[35]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[36]

Ghaldaqstant, l-attrici rnexxielha tipprova li l-konvenut kien hati ghal din is-separazzjoni u dan minhabba vjolenza, eccessi u sevizzi, theddid u anke offizi gravi.

---

[35] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[36] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

**KURA U KUSTODJA**

Illum fil-mori tal-proceduri ta' separazzjoni, it-tfal saru maggorenni u ghaldaqstant, dina l-Qorti mhux ha tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba rigward il-kura u kustodja.

**MANTENIMENT**

It-tifla llum ghadha qed tistudja l-Mcast full-time u ghalhekk mhix in grad li taqla' introjtu. Peress li t-tifla llum tghix ma' missierha tghid li apparti li jmantniha jaghtiha ukoll il-*pocket money*.

L-attrici xehdet li sakemm bdiet tahdem ma kellhiex flus biex tghaddi lil bintha. Illum tahdem bhala carer full-time u ugwalment tghaddi s-somma ta' €150 fix-xahar lit-tifla biex tghinha.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi u jirrizulta mill-provi li l-attrici mhix qed toggezzjoni ghal dan il-fatt, tikkonferma li l-manteniment ghandu jithallas fis-somma ta' €150 fix-xahar ghat-tifla peress li llum ghadha qed tistudja full-time l-Mcast, inkluz nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dan il-hlas ghandu jibqa' in vigore sakemm it-tifla taghlaq 23 sena. Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attrici.

L-attrici qed tippretendi li peress li l-paga li taqla' hija minima u ghandha diversi spejjes bhal €400 fix-xahar kera u l-flus li tghaddi lil bintha, kif ukoll l-ispejjes ta' diversi bzonnijiet, il-konvenut ghandu jghaddilha l-manteniment. Madanakollu, illum gialadarba l-attrici tahdem u tahdem full-time ma twassalx ghall-obbligu tal-konvenut biex imantniha.

Rigward tal-konvenut, dan iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Mill-provi ma jirrizultax li hemm xi assi partikolari li kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Kien hemm xi cirka €7,000 fil-kont kongunt mal-Bank of Valletta plc u dan kien gie zbankat u nqasam bejn il-partijiet.

Il-konvenut kien xtara Opel Astra fiz-zwieg ghall-prezz ta' €2,000 fl-2012.

Id-dejn ezistenti fuq il-gallinar tal-hamiem ghandu jibqa' a karigu tal-konvenut.

## Dar Matrimonjali

Minkejja li l-attrici tispjega li kienu akkwistaw il-fond minghand l-Awtorita' tal-Housing, jirrizulta li effettivament dan il-fond u cioe' 301, Triq San Giljan kien rekwizizzjonat b'ordni numru 110/93 u gie allokat lilhom, dak iz-zmien mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali. Huwa mbaghad permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Henry Saydon ippubblikat fil-15 ta' Mejju, 1994, kienu akkwistaw l-utile dominju temporanju ghaz-zmien li kien fadal minn 21 sena. [37] Bhala hlas l-attrici tikkonferma li kienu jhallsu cens perpetwu ta' €175 kull sitt xhur u kien hemm il-kera ukoll. Il-kirja kienet f'isem il-konvenut, pero' kienu jidhru t-tnejn fuq il-kuntratt. Minn mindu kienet telqet mid-dar matrimonjali kienet waqqfghet thallas il-kera, meta qabel kienet thallas hi. Kien hemm arretrati ta' kera li kienu jammontaw ghal €200.

Kien hemm ukoll arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma li kienu jammontaw ghal €215.79.

[37] Ara fol. 304 tal-process.

Fid-dawl tar-responsabbilita' tas-separazzjoni u tenut kont ukoll tal-limitazzjonijiet ta' finanzi tal-attrici tordna li l-kirja tad-dar matrimonjali tigi assenjata lill-attrici, filwaqt li l-arretrati ta' kera fl-ammont ta' €200 u l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma, ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-konjugi Dimech peress li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li llum it-tfal huma maggorenni.

3. Tichad it-tielet talba attrici in kwantu t-tifla llum tghix mal-konvenut u ghadha qed tistudja.

4. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din it-talba stante li diga' giet deciza;

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tiddikjara xolta u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq gie deciz fis-subtitolu "Komunjoni tal-Akkwisti."

6. Tilqa' s-sitt talba attrici limitatament ghall-attrici.

7. Tichad is-seba' talba attrici.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici sa fejn applikabbli.

9. Tilqa’ d-disa’ talba attrici jekk ikun il-kaz, u tappunta kuratur deputat tat-turn sabiex jidher fuq att pubbliku ghall-parti kontumaci.

10. Tilqa’ l-ghaxar talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**